**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 54/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 750/2005)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. ILLI l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-erbgha (04) ta' Gunju elfejn u hamsa (2005) il-Marsa Knisja tat-Trinita debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 750/2005 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

2. ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom Nigel Spiteri ta' hmistax-il sena (15);

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar il- 15 ta' Gunju 2021 permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni fl-atti tan-nutar Jean Carl Debono annes su mmarkat Dok "B".

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma' terzi persuni;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;

6. Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Marzu 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritrx ghal dawn il-procedurita;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dan  peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-15 ta' Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.